MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

**MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Avviz Numru. 28/2009

**Raymond Mercieca u Adventure Car Hire Limited.**

**Vs**

**Michael Zahra**

F'din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta' sitt elef hames mija u sitta u sebghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€6,576.46) li jsostnu li huma dovuti bhala kera ta' vetturi, fuel u hsarat.

Il-konvenut wiegeb li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u li l-hlas mitlub hu ezagerat.

Is-socjeta attrici ghandha negozju ta' kiri ta' vetturi f'Ghawdex. Il-konvenut kien ghal numru ta' snin regolarment jikri vetturi (jeeps) minghand din il-kumpannija u minghand ohrajn li ghandhom negozju simili f'Ghawdex. Il-vetturi kienu jinkrew sabiex jintuzaw minn

barranin li jkunu qeghdin Malta fuq avvenimenti, bhal konferenzi, meta jitilghu jaghmlu gurnata Ghawdex. Il-konvenut kien jaghmel dan ix-xoghol kien jaghmlu fuq bazi ta’ part-time. Il-kwistjoni bejn il-partijiet hi dwar il-bilanc li ghad fadallu jhallas il-konvenut li min-naha tieghu m’huwiex jichad li hu debitur tal-kumpannija attrici. Mill-provi jirrizulta li meta kienet issir il-kirja ma kien isir xejn bil-miktub. Il-konvenut lanqas ma kien jintalab jiffirma dokument ghal kull vettura li jikri minghand is-socjeta attrici u l-kera pagabbli ghal kull gurnata, u jekk il-vettura kenitx inghatat petrol. Fiz-zmien li kien ghaddej in-negozju jidher li kien hemm il-fiducja bejn il-partijiet, izda meta nqala’ d-dizgwid kullhadd ta l-verzjoni tieghu tal-fatti bazat fuq dak li kien jirrizulta mir-records taghhom.

Meta fis-17 ta’ Dicembru 2009 l-attur ipprezenta rendikont, wara d-digriet tal-qorti tas-27 ta’ Novembru 2009, iddikjara li l-konvenut ghad fadallu jhallas €6,593.8. F’rendikont iehor (fol. 33) li l-attur qal li kien ippreparah l-accountant Marvic Cutajar, il-bilanc dovut hu dikjarat bhala **€7,724.85** (fol. 39). Din l-informazzjoni hi bazata fuq invoices li nhargu mis-socjeta attrici (Dok. A-S). Fil-fatt din hi c-cifra li tissemma fl-ittra ufficjali li l-attur ipprezenta fit-2 ta’ Settembru 2009.

Fil-kalkoli li ghamlu l-atturi jirrizulta li kien hemm zewg pagamenti li saru mill-konvenut li ma gewx inkluzi[1]. Dawn huma pagamenti li saru fl-4 ta’ Settembru 2001 (€670.86) u 6 ta’ Ottubru 2002 (€1,747.03)[2], fl-ammont komplessiv ta’ €2,417.89[3]. Fis-seduta tal-15 ta’ April 2010 xehed ukoll Mario Camilleri, ufficjal tal-bank HSBC, li kkonferma li c-cekkijiet li jirreferu ghal dawn il-pagamenti kienu gew depozitati f’kont tal-kumpannija attrici (fol. 107). Ghalhekk il-hlasijiet li ghamel il-konvenut matul is-snin 2001-2008 hu ta’ **€22,907.10**. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet l-atturi

[1] Ara dokument a fol. 56 li sar minn Jerry Vella, persuna nkarigata mill-konvenut sabiex jaghmel il-konteggi.
[2] Fis-seduta tal-15 ta’ April 2010 mart l-attur xehedet: *"Michael Zahra ghandu ragun li mill-kont li qed nipretendu ghall-kirjiet li rriferejna ghalihom ahna ghanda titnaqqas is-somma ta’ seba mija u hamsin liri maltin (Lm750) u dan ghaliex ahna ma hadniex dan il-pagament into account….."* (fol. 114).
[3] Il-hlasijiet saru permezz ta’ zewg cheques. Fis-seduta tal-15 ta’ April 2010 id-difensur tal-atturi ddikjarat li kienu ssarrfu.

ddikjaraw: *".... l-atturi qeghdin jikkontestaw l-ewwel zewg pagamenti biss u jiddikjaraw illi m'ghandhom l-ebda kontestazzjoni dwar il-pagamenti l-ohra."* (fol. 132). Ghal dak li jikkoncerna l-pagament ta' €670.86 li sar f'Settembru 2001, il-qorti m'ghandix dubju li kien qieghed jirreferi ghall-kiri li m'huwiex meritu ta' din il-kawza. Qieghed jinghad hekk ghaliex il-meritu ta' din il-kawza jirreferi ghall-kirjiet li saru bejn is-sena 2002 u 2008. Ghalhekk ma jistax ikun li l-ewwel pagament jirreferi ghall-kontijiet meritu ta' din il-kawza. Mill-provi rajna kif il-pagamenti li kien jaghmel il-konvenut kienu jsiru akkont ta' arretrati wara li jinhargu kontijiet mis-socjeta attrici. Ghalhekk il-qorti m'hijiex ser tnaqqas dan il-hlas mill-ammont dovut lis-socjeta attrici.

Minn kalkoli li ghamel ix-xhud Jerry Vella mill-kotba li pprezentalu l-konvenut in-negozju li ghamel mas-socjeta attrici matul is-snin 2001 sa 2008 kellu valur ta' €26,354 (ara fol. 123-126). Meta taqta' l-hlasijiet jibqa bilanc dovut ta' **€3,447**. L-atturi qeghdin isostnu li ghandu jhallas iktar minn hekk.

Wara li l-atturi kienu ghalqu l-gbir tal-provi, gew awtorizzati jressqu bhala xhud lil Josephine Mercieca sabiex tipprezenta notamenti li qalet li kienet izzomm dwar in-negozju mal-konvenut. Fil-fatt id-dokument jinsab a fol. 116 (Dok. XX1). Dan hu d-dokument originali li mart l-attur kienet izzomm fiz-zmien li kienu jinnegozjaw mal-konvenut, u fih id-dettalji relatati mal-gurnata tal-kirja, l-ammont ta' vetturi li jkunu nkrew, il-kera u l-petrol li nghata. Fid-dokument jirrizulta li ghal certu kirjiet ma tnizzlitx ir-rata ta' kera, ghalkemm din tista' tasal ghaliha miz-zewg kolonni li hemm b'ammonti ta' flus, wahda minnhom tirreferi ghall-kera totali tal-vetturi li jkunu nkrew f'kull gurnata u l-fuel.

Mid-dokument RM1 li pprezentaw l-atturi u li qalu li gie mhejji minn certu Marvic Cutajar, hu evidenti li ma tnizzlux kirijiet ta' vetturi **mit-23 ta' Gunju 2003 sal-15 ta' Jannar 2004**. Kirijiet li jirrizultaw mid-dokument prezentat minn Josephine Mercieca (Dok. XX1) fis-seduta tal-15 ta' April 2010.

Hekk ukoll mir-records tal-konvenut skond dokument li ghamel ix-xhud Jerry Vella jirrizulta li fl-imsemmi perjodu l-konvenut kien qieghed jikri l-vetturi minghand is-socjeta attrici (ara fol. 123-124). Ghalkemm meta taghmel paragun bejn iz-zewg dokumenti jidher li hemm xi kirjiet li nizzel il-konvenut li ma jissemmewx fid-dokument XX1[4], u l-istess hemm xi kirjiet li jissemmew fid-dokument XX1 li ma jirrizultawx fir-records tal-konvenut[5].

Jirrizulta li skond ir-records tal-atturi r-rati tal-kera ghal kull vettura kienu jvarjaw fl-istess sena u wkoll fi snin differenti. Hekk per ezempju fis-sena 2002 hemm vetturi li nkrew ghal Lm11, Lm12, Lm16, Lm17 ghal gurnat. L-atturi ma tawx spjegazzjoni x'inhi r-raguni ghal dan. L-istess japplika ghas-sena 2003 fejn hemm rati ta' kera ta' Lm11, Lm12, ghal kemm il-maggoranza ta' kirjiet huma b'rata ta' Lm13 ghal kull gurnata. F'dan l-ammont m'hemmx inkluz il-petrol b'valur ta' Lm5 ghal kull vettura. Min-naha l-ohra fid-dokumenti li pprezenta l-konvenut hemm rati ta' kera b'rati differenti minn dawk li nsibu fid-dokumenti prezentati mill-atturi jew b'rati identici. Din id-diskrepanza jkompli jikkonferma kemm il-kontendenti ma jistghu qatt jaqblu fil-konteggi minhabba dawn id-diskrepanzi. Mir-records tal-kontendenti hemm ukoll diskrepanza dwar in-numru ta' vetturi li l-konvenut kera per ezempju fis-sena 2002 u 2003.

Fis-seduta tas-17 ta' Frar 2010 Jerry Vella xehed li l-konvenut jikkontesta biss l-hlas li qieghed jintalab ghall-perjodu bejn **15 ta' Settembru 2004 u 28 ta' Dicembru 2004**[6]. Il-konvenut fl-ebda stadju ma kkontesta din id-dikjarazzjoni li saret mix-xhud imressaq minnu u li nkarigah sabiex jaghmillu l-konteggi. Ix-xhud kompla jghid li din il-kontestazzjoni kienet minhabba l-kwantita ta'

---

[4] Hekk per ezempju kirjiet li saru fit-8 u 9 ta' Settembru 2003 (fol. 124).

[5] Hekk per ezempju kirjiet bid-data 23 ta' Lulju 2003, 1 ta' Awwissu 2003, 29 ta' Settembru 2003, 5 ta' Ottubru 2003, u 17 ta' Novembru 2003.

[6] ***"Il-kontestazzjoni qieghda limitata ghas-sena elfejn u erbgha (2004). L-invoices l-ohra li jirreferu ghas-snin elfejn u tnejn (2002), tlieta (2003), hamsa (2005) u sitta (2006), u sebgha (2007) u tmienja (2008), il-klijent mhuwiex jikkontestahom."*** (seduta tas-17 ta' Frar 2010 – fol. 46).

vetturi li skond l-atturi kien kera l-konvenut f'dan il-perjodu. Kompla jghid: *"Jien din qed naraha stramba hafna, fis-sens illi* ***fir-rigward tal-ahhar perjodu ghandek kwazi mitejn vettura f'perjodu illi jkun wara s-sajf.*** *Jien imbaghad ghamilt il-paragun mar-records illi jzomm Zahra, cioe' l-ledger ghas-sena elfejn u erbgh (2004), minn fejn irrizultali illi matul din is-sena hu kera b'ollox mija tlieta u hamsin (153) vettura.[7]"* (fol. 47). Fil-fehma tal-qorti f'dan ir-rigward ix-xhud m'huwiex korrett f'dak li qal. Hu minnu li fis-seduta tas-17 ta' Frar 2010 kien ghadu ma giex prezentat Dok. XX1 (fol. 116), pero mid-Dokument RM1 (fol. 33) hu car li fil-perjodu in kwistjoni l-attur m'huwiex qieghed jippretendi hlas ghall-kiri ta' mitejn vettura. Il-qorti qeghda tifhem li Vella ghamel dan l-izball minhabba l-kont numru 54 datat 28 ta' Dicembru 2004 (Dok. D)[8] li jaqra ***"Jeep Hire up to Dec 2004"*** bl-ammont ta' Lm3,559 (€8290.23)[9] filwaqt li l-kont ta' qabel numru 32A datat 15 ta' Settembru 2004 (Dok. C)[10] jsemmi kiri ta' 78 vettura ghall-valur ta' Lm1,400 (€3261.11). Mill-provi jirrizulta li l-kont datat 28 ta' Dicembru 2004 hu l-bilanc li kien ghadu dovut mill-konvenut sa l-ahhar ta' Dicembru 2004. Vella kompla jigi ndott fl-izball minhabba l-ewwel tlett kontijiet (Dok. A-C) li gew inkluzi fin-nota meta ma kienx hemm ghalfejn ghaliex is-somma ta' €8,290.23 kien il-bilanc dovut sal-ahhar ta' Dicembru 2004.

Il-qorti terga' ttenni li mill-provi hu evidenti li s-somma ta' Lm3,559 (€8,290.23) m'hijiex tirreferi ghall-kiri ta' vetturi fil-perjodu bejn is-16 ta' Settembru 2004 u t-28 ta' Dicembru 2004. Inoltre wara li l-qorti rat ir-records tal-atturi (ara Dok. RM1 u XX1) u dawk tal-konvenut (ara fol. 44) hu evidenti li qeghdin jaqblu dwar in-numru ta' vetturi li nkrew fil-perjodu bejn **15 ta' Settembru 2004 u 28 ta' Dicembru 2004,** bl-eccezzjoni ta' vettura wahda[11].

---

[7] Ara fol. 55.
[8] Fol. 14.
[9] Fin-notamenti li kienet izzomm mart l-attur (Dok. XX1 a fol. 116) jinghad li l-hlas dovut sa l-ahhar tas-sena 2004 kien ukoll ta' Lm3,599 u li l-konvenut inghata l-kont. Il-qorti qeghda tifhem li r-riferenza hi ghall-kont tat-28 ta' Dicembru 2004.
[10] Fol. 13.
[11] Skond records tal-atturi fit-3 ta' Ottubru 2004 inkrew sitt (6) vetturi filwaqt li r-records tal-konvenut juru hames (5) vetturi.

Il-konvenut jammetti li ghandu jhallas is-somma ta' **€3,284.96** (ara dokument prezentat fil-11 ta' Mejju 2010 mix-xhud Vella a fol. 122). Biex wasal ghal din is-somma l-konvenut inkluda il-pagament ta' €670.86 li ghamel fl-4 ta' Settembru 2001 u dwar liema l-qorti kkonkludiet li m'ghandux jigi inkluz fil-konteggi ghaliex kien hlas li sar ghall-perjodu li m'huwiex parti mill-meritu tal-kawza. Jekk il-qorti kellha tibbaza ruhha fuq dawn il-kalkoli allura l-ammont dovut mill-konvenut ikun ta' **tlett elef disgha mija u hamsa u hamsin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€3,955.82)**.

Mehud in konsiderazzjoni:-

a) Dak li xehed Jerry Vella fis-seduta tas-17 ta' Frar 2010. Ghall-qorti ma ghandux ikun li f'seduta ta' wara tipprova tohloq argumenti godda ghaliex falla l-argument li ngieb fir-rigward tal-kont numru 54 tat-28 ta' Dicembru 2004;
b) L-invoices Dok. D-S jaqblu mad-dokument XX1 hlief ghal xi diskrepanzi zghar hafna li fil-parti l-kbira huma favur il-konvenut[12]. Inoltre meta taghmel paragun mar-records tal-konvenut (ara Dok. XX3 il-kolonni rilevanti ghal Zahra), jirrizulta li fis-snin 2005-2008 fil-parti l-kbira l-partijiet jaqblu dwar il-vetturi li kera l-konvenut minghand is-socjeta attrici u r-rati ta' hlas ghal kull jeep.
c) Mill-provi jirrizulta li l-invoices Dok. A-S kienu qeghdin johorgu minn zmien ghal zmien (ara Dok. XX1), u madankollu kien zmien wara l-ahhar invoice li l-konvenut beda jsostni li l-hlas li qeghda tippretendi s-socjeta attrici kien esagerat;
d) Li fid-dokument RM1 li ghamel Marvic Cutajar inkarigat mill-attur hemm zball evidenti fir-rigward ta' kiri ta' vetturi matul is-sena 2003, peress li ma tnizzlux il-kirjiet li saru fil-perjodu bejn it-23 ta' Gunju 2003 u l-15 ta' Jannar 2004;

[12] Hekk per ezempju fil-kontijiet Dok. A-S m'hemm l-ebda riferenza ghal kirjiet li saru bejn it-3 ta' Marzu 2007 u 27 ta' Mejju 2007, u kirjiet li saru fl-20 ta' Gunju u 5 ta' Lulju 2008. Il-qorti xorta ser taghzel li tipprocedi fuq il-kontijiet li nhargu gialadarba dawk huma l-bazi tal-azzjoni tal-atturi. Kirjiet li skond ir-records ta' Zahra jirrizulta li saru (ara Dok. XX3 - fol. 126).

il-qorti hi tal-fehma li l-verzjoni tal-atturi ghandha mis-sewwa. Madankollu mill-ammont li qieghed jigi reklamat irid jitnaqqas il-pagament li sar fis-6 ta' Ottubru 2002 ta' Lm750 (€1,747.03) u li l-atturi naqsu milli jikkunsidraw. Ghalhekk il-hlas dovut lis-socjeta attrici hu ta' **€4,829.43**[13].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat elef tmien mija u disgha u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€4,829.43). Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 74% a karigu tal-konvenut u 26% a karigu tal-atturi[14]. L-imghax jiddekorri mid-data tal-ahhar invoice (31 ta' Mejju 2008) cjoe' meta nghalaq il-kont tal-konvenut u s-socjeta attrici bdiet tinsisti li jsir il-hlas tal-bilanc li kien ghadu dovut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[13] **€6,576.46 (ammont mitlub fir-rikors promotur) - €1,747.03 = €4,829.43.** Il-qorti taghmilha cara li ibbazat il-kalkoli li ghamlet fuq il-kontijiet D-S u d-dokument XX1 u mhux fuq id-dokument RM1.

[14] Il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-konvenut li l-ispejjez ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-atturi. Mill-provi rrizulta li l-konvenut stess jaccetta li hu debitur tas-socjeta attrici fis-somma ta' €3,284.96 (ara fol. 122), ammont li wasal ghalih wara li nkariga lil Jerry Vella biex jaghmillu l-konteggi mir-records li kien izomm. Madankollu biss fil-mori ta' din il-kawza li ghamel dan l-ezercizzju.